MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## MARIO SCERRI

Seduta tat-30 ta' Settembru, 2009

Talba Numru. 5/2006

Maltacom plc u b'digriet tat-18 ta' Dicembru 2007, l-isem Maltacom plc gie mibdul ghal Go plc

vs

Gatt Construction Limited

It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba pprezentat fid-19 ta' Jannar 2006, li permezz tieghu s-socjeta' Go plc qed titlob lil dan it-Tribunal sabiex jikkundanna lis-socjeta' konvenuta Gatt Construction Limited thallasha s-somma ta' erbgha u tmenin lira Maltin u wiehed u sebghin centezmu (Lm84.71), illum ekwivalenti ghal mija u seba' u disghin Euro u tnejn u tletin centesimi (€197.32), rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni ma' hsarat ikkagunati mis-socjeta' konvenuta fil-cables proprjeta' tas-socjeta' attrici fi Triq Gajdoru, Xaghra, Ghawdex, u dana skond diversi kontijiet li gew mibghuta lilha. Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali mibghuta fil-21 ta' Ottubru 2005 (Ittra

numru 757/2005), tal-Vat fuq id-drittijiet professjonali, u bl-imghaxijiet kontra s-socjeta' konvenuta. Bl-ingunzjoni tas-socjeta' konvenuta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta pprezentata fil-31 ta' Jannar 2007, li tghid hekk :

1. Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda stante li s-socjeta' konvenuta ma ghamlet ebda hsarat fuq il-cable fis-sit indikat mis-socjeta' attrici ;

2. Illi s-socjeta' attrici (*recte* konvenuta) ma wettqet ebda xogholijiet fi Triq Gajdoru, Xaghra, fejn qieghed jigi allegat li saru l-hsarat, u ghalhekk ma ghandiex tirrispondi ghal dawn il-hsarat.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici.'

Sama' l-provi.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha esibiti.

Ra li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidra :

Il-meritu tal-kawza attrici jikkoncerna talba ghall-hlas ta' somma fl-ammont ta' erba' u tmenin lira Maltin u wiehed u sebghin centesimi (Lm84.71), illum ekwivalenti ghal mija u seba' u disghin Euro u tnejn u tletin centesimi (€197.32), biex giet imsewwija hsara li giet sofferta mis-socjeta' attrici wara li gie milqut cable tat-telefon fi Triq Gajdoru, Xaghra, li kien ghaddej minn taht l-art, liema cable s-socjeta' attrici qed tattribwixxi r-responsabbilita' ghal din il-hsara minnha sofferta fuq is-socjeta' konvenuta.

Qabel xejn ghalhekk irid jigi stabbilit minn min giet ikkagunata l-hsara, u jekk imbaghad jinstab li l-hsara giet ikkagunata mis-socjeta' konvenuta jew minn haddiema taghha, dan it-Tribunal jghaddi biex jikkunsidra t-talba attrici ghall-hlas tas-somma minnha pretisa. Dan it-Tribunal ezamina bir-reqqa l-provi kollha in atti u ma jqisx

li s-socjeta’ attrici wasslet biex tipprova a soddisfazzjon ta’ dan it-Tribunal fil-grad rikjest mill-ligi li l-hsara f’wiehed mill-cables taghha giet ikkagunata mis-socjeta’ konvenuta jew minn xi haddiema taghha. Ir-rapport tal-Pulizija esibit in atti jindika bhala l-persuna suspettata numru wiehed lil Mariano Gatt ta’ Gatt Brothers, Triq Fuq Il-Ghajn, Ghajnsielem, Ghawdex, u li ghandu l-karta ta’ l-identita bin-numru 0046159(G). Dan Mario Gatt irrizulta li meta saret il-hsara hu lanqas biss kien jinsab fil-pajjiz billi dak iz-zmien kien jinsab imsiefer. Minn notamenti li johorgu minn dan l-istess rapport tal-Pulizija li jgib ir-riferenza 10/Z/1656/2003, jirrizulta wkoll mill-investigazzjonijiet li saru mill-Pulizija li x-xogholijiet kienu saru minn Gatt Ready Mix company. Bl-ebda mod u f’ebda mument mill-investigazzjonijiet li saru ma giet indikata specifikament is-socjeta’ konvenuta Gatt Construction Limited li kienet hi li ghamlet ix-xogholijiet meta sehhet il-hsara li giet irrappurtata. Kien biss ix-xhud Walter Mompalao li gie prodott mis-socjeta’ attrici li ndika lis-socjeta’ konvenuta li kienet ghamlet xogholijiet fi Triq Gajdoru, Xaghra, u dan minn verifiki li hu kien ghamel mal-Korporazzjoni Ghas-Servizzi Tal-Ilma. Ghalkemm jirrizulta mix-xhieda tas-segretarju esekuttiv tal-Kunsill Lokali tax-Xaghra u tar-rapprezentant tal-Korporazzjoni tal-Ilma, debitament ingunti mis-socjeta’ konvenuta, li s-socjeta’ konvenuta kellha kuntratt mad-Dipartiment tat-Toroq u l-Korporazzjoni Ghas-Servizzi Tal-Ilma biex taghmel xogholijiet ta’ thaffir ta’ trinek f’diversi toroq fix-Xaghra, fosthom Triq Gajdoru, liema xogholijiet pero’ saru biss f’parti ta’ Triq Gajdoru u ma jirrizultax li kienu waslu sa quddiem id-dar fejn sehhet il-hsara. Il-licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija lis-socjeta’ konvenuta biex isiru dawn ix-xogholijiet ta’ thaffir ta’ trinek fi Triq Mannar, Triq Gnien Xibla, u Triq Gajdoru, Xaghra, kienet ghall-perjodu bejn it-22 ta’ Marzu 2002 sas-27 ta’ April 2002, skond il-permess mahrug mid-Dipartiment tat-Toroq numru 8243/2001/35, wara li s-socjeta’ konvenuta giet moghtija l-kuntratt mill-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma. Il-hsara fil-cables tal-kumpannija attrici giet irrappurtata li saret fis-7 ta’ Lulju 2003, u cioe’ sena u tliet xhur wara z-zmien li fih is-socjeta’ konvenuta kellha tesegwixxi u tlesti x-xogholijet skond il-permess lilha

moghti mid-Dipartiment tat-Toroq u l-licenzja mahruga tal-Kummissarju tal-Pulizija. Minn imkien mill-provi ma jirrizulta li x-xogholijiet fis-7 ta' Lulju 2003, saru mill-haddiema tas-socjeta' konvenuta jew fuq inkarigu taghha. Is-segretarju esekuttiv spjega li x-xoghol li l-Kunsill kien ta l-permess lis-socjeta' konvenuta li taghmel ma kienx jasal sa quddiem id-dar maghrufa bl-isem ta' 'Dar It-Targa', quddiem liema dar allegatament sehhet il-hsara fil-cable tas-socjeta' attrici. Skond l-istess xhud ix-xoghol kollu ta' thaffir ta' trinek u asfaltar fi Triq Gajdoru, Xaghra, kien sar fis-sena 2002, u fis-sena 2003, ma kienu saru ebda applikazzjonijiet ghat-thaffir f'dik it-triq. Mir-records tal-Kunsill Lokali jirrizulta li s-socjeta' konvenuta ghamlet xoghol biss f'din it-triq fis-sena 2002, u mhux fis-sena 2003. Ma jirrizultax li s-socjeta' konvenuta kienet talbet u nghatat xi permess iehor oltre dak li kien ikkuntrattat lilha mid-Dipartiment tat-Toroq u l-Korporazjoni Ghas-Servizzi tal-Ilma la lis-socjeta' attrici u lanqas lill-Kunsill Lokali tax-Xaghra biex taghmel xogholijet ohra fi Triq Gajdoru, Xaghra, u b'mod partikolari quddiem id-dar imsemmija.

Ghalhekk dan t-Tribunal mhuwiex moralment konvint li s-socjeta' attrici wasslet biex tipprova soddisfacentement u sal-grad rikjest mill-ligi li l-hsara giet fil-fatt ikkagunata mis-socjeta' konvenuta jew minn xi haddiema li ghamlu xoghol fuq inkarigu jew ordnijiet tal-imsemmja socjeta'.

Ghaldaqstant fin-nuqqas ta' din l-prova, dan it-Tribunal ma jistax jasal biex isib responsabbilita' ghal din il-hsara fis-socjeta' konvenuta, u konsegwentement it-talbiet attrici qeghdin jigu michuda sa fejn l-istess pretensjonijiet huma diretti kontra s-socjeta' konvenuta.

Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, l-ispejjez ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------